MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 3125/1996/1

**LAFERLA INSURANCE AGENCY LIMITED** u din in rappreżentanza ta' Andrew Wallace f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera assikuratriċi *Crowe Motor Policies at Lloyds*, kif din tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha James Anthony Glynn, sija bil-polza u sija bil-liġi

vs

Rita **MARMARA'**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-31 ta' Ottubru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "LIA") talbet li din il-Qorti

(a) ssib li l-imħarrka waħedha taħti għall-ħabta bejn żewġ karozzi li ġrat fil-Biżbiżija, fil-limiti tal-Mosta fis-26 ta' Ottubru, 1994, bejn il-karozza reġistrata I-0564 misjuqa mill-assikurat tagħha James Glynn u l-karozza reġistrata J-3844 misjuqa mill-istess imħarrka; (b) tillikwida d-danni li, bħala kumpannija assikuratriċi, għamlet tajjeb għalihom minħabba l-imsemmija ħabta fis-somma ta' sitt elef mitejn u sebgħa u erbgħin lira Maltija (Lm 6,247) jew somma oħra, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' periti u esperti; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrka tħallas is-somma hekk likwidata bħala danni. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-20 ta' Ottubru, 1997, li biha l-imħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa u m'għandhomx jintlaqgħu għaliex, preliminarjament, Andrew Wallace m'huwiex prinċipal tal-kumpannija attriċi u għaliex id-ditta Crowe Motor Policies at Lloyds m'għandhiex personalita' ġuridika u għalhekk ma tistax tiddelega s-setgħat tagħha lil ħadd f'Malta. Fil-mertu laqgħet billi qalet li l-kawża prossima tal-ħabta kien is-sewqan tal-assikurat Glynn u mhux is-sewqan tagħha u li hija m'għamlet xejn li bih setgħet ħtiet għall-ħabta, filwaqt li kienet għadha żżomm sħaħ il-pretensjonijiet tagħha li titlob il-ħlas tad-danni;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Novembru, 1999[1], li bih l-imħarrka irtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' jannar, 2000[2], li bih ordnat lil-LIA tressaq il-provi tagħha bil-mezz tal-affidavit;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Novembru, 2001[3], li bih laqgħet talba ta' LIA magħmula f'rikors tagħha tal-15 ta' Novembru, 2001, biex minflok li tħalli l-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq (il-partijiet kienu

[1] Paġ. 37 tal-proċess
[2] Paġ. 38 tal-proċess
[3] Paġ. 117 tal-proċess

iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar x'iressqu) tingħata l-possibilta' li jixhed James Glynn;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Diċembru, 2001[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala assistent ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda ta' James Glynn;

Rat in-Nota mressqa minn LIA fit-28 ta' Ġunju, 2002[5], bix-xhieda bl-affidavit ta' James Glynn;

Rat il-verbali tas-smigħ bejn l-20 ta' Frar, 2003 u l-1 ta' Lulju, 2004, fejn il-kawża kienet qiegħda titħalla għall-probabbli ċessjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-27 ta' Ottubru, 2004, li bih l-avukat tal-imħarrka għarraf lill-Qorti li t-transazzjoni ma seħħitx u talab lill-Qorti tordna t-tneħħija tal-affidavit ta' Glynn mill-atti tal-kawża;

Rat id-degriet kamerali tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2005[6], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija ċaħdet it-talba tal-imħarrka biex l-affidavit ta' James Glynn jitneħħa mill-atti tal-kawża;

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-imħarrka waqt is-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2006, li bih l-avukat tal-imħarrka iddikjarat li ma kinitx qiegħda tinsisti iżjed għall-kontro-eżami ta' James Glynn, u wkoll id-dikjarazzjoni tal-avukati taż-żewġ partijiet li ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x'iressqu minn dak li seta' jirriżulta mill-atti tal-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha li biha ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[4] Paġ. 119 tal-proċess
[5] Paġġ. 138 sa 142 tal-proċess
[6] Paġġ. 163 – 5 tal-proċess

Illi din hija azzjoni ta' danni wara ħabta bejn żewġ karozzi f'Ottubru tal-1994 fil-Mosta. LIA kienet tassikura karozza li kienet involuta f'ħabta ma' karozza oħra misjuqa mill-imħarrka. LIA tgħid li għal dik il-ħabta kienet taħti biss l-istess imħarrka u tridha tagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-assikurat tagħha, ladarba hija għamlet tajjeb għall-biċċa l-kbira mid-danni li ġarrab billi ħallsitu tagħhom. Billi l-imħarrka baqgħet ma wettqitx dak li talbitha LIA, kellha ssir il-kawża;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrka laqgħet billi qalet li l-kawża prossima tal-ħabta kienet is-sewqan ta' Glynn innifsu billi hija ma għamlet xejn li bih tista' titqies ħatja għall-ħabta. Hija tisħaq li kien Glynn li jaħti għall-ħabta u kienet qiegħda żżomm kull jedd li tfittxu għad-danni;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li James Anthony Glynn kien sid tal-vettura tal-għamla *Rover 214 Cabriolet* reġistrata I-0564. Il-karozza kienet assikurata ma' LIA. Fis-26 ta' Ottubru, 1994, fil-Biżbiżija, limiti tal-Mosta, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija seħħet ħabta bejn l-imsemmija karozza, li dak il-ħin kienet misjuqa minn Glynn u l-karozza tal-għamla *Lada*, reġistrata J-3844, li dak il-ħin kienet misjuqa mill-imħarrka. Il-karozza misjuqa mill-imħarrka kienet tgħajjat lil żewġha. Kemm Glynn u kif ukoll l-imħarrka ma kellhomx passiġġieri riekba magħhom x'ħin seħħet il-ħabta;

Illi l-inċident seħħ meta l-imħarrka kienet qiegħda ssuq tul Triq il-Bistra (magħrufa wkoll bħala Triq il-Biżbiżija) fid-direzzjoni lejn Tarġa Gap fi ħsiebha li tidħol lejn il-qasam ta' Żokkrija (illum Triq Patri Ġużè' Delia) biex tidħol lejn id-dar tagħha fi Triq it-Tama. Glynn kien ġej mid-direzzjoni ta' faċċata qrib Tarġa Gap sejjer lejn id-direzzjoni ta' Buqana[7], u baqa' dieħel fil-karozza misjuqa mill-imħarrka. Il-ħin tal-ħabta kien wara nżul ix-xemx u dak iż-żmien ma kienx hemm dwal fit-triq[8]. Il-karozzi ġarrbu ħsarat kbar, u ż-żewġ sewwieqa ttieħdu l-isptar għall-kura, wara li għal xi

---

[7] Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess
[8] Xhieda ta' P.S. 1043 Frans Paċe 6.12.2000, f'paġ. 68 tal-proċess

ftit minuti l-imħarrka kienet intilfet minn sensiha mad-daqqa. Il-karozza misjuqa minn Glynn irmunkawha lejn *garage* ta' *panel beater* fir-Rabat dak inhar tal-ħabta[9];

Illi fit-28 ta' Ottubru, 1994,[10] Glynn ressaq talba għall-kumpens lil LIA taħt il-polza ta' assikurazzjoni għall-ħsara mġarrba fil-karozza tiegħu[11];

Illi fuq talba ta' LIA, fl-10 ta' Novembru, 1994, sar *survey* minn Charles Saliba kemm fuq il-karozza ta' Glynn[12] u kif ukoll fuq dik misjuqa mill-imħarrka[13]. F'tal-ewwel, tqies li l-valur tal-fdalijiet tal-karozza kien ta' madwar tlitt elef u erba' mitt lira Maltin (Lm 3,400)[14]. Il-karozza ta' Glynn kienet stmata li tiswa għaxart elef lira Maltin (Lm 10,000)[15]. Fil-każ tal-karozza misjuqa mill-imħarrka tqies li minħabba l-ħsarat kbar li kellha fil-ħabta ma kienx għaqli li tissewwa;

Illi LIA qabbdet ukoll perit biex jfassal pjanta skalata tal-post fejn saret il-ħabta[16]. LIA ħallset b'kollox is-somma ta' sitt elef mitejn u sebgħa u erbgħin lira Maltin (Lm 6,247)[17] lill-assikurat tagħha jew lil terzi biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat imġarrba mill-istess assikurat tagħha. Il-fdalijiet tal-karozza ta' Glynn inbiegħu lil xi ħadd b'garaxx fil-Mosta[18]. Il-kawża nfetħet fil-31 ta' Ottubru, 1996;

Illi l-Qorti trid tibda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali billi qabel kollox tqis **il-kwestjoni ta' min jaħti għall-ħabta**. Jibda biex jingħad li hija regola ġenerali fi kwestjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbilta' f'ħabta, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri (a) li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u (b) li jżomm attenzjoni (*proper look-out*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ

[9] Dok "E", f'paġ. 12 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Charles Galea 6.12.2000, f'paġġ. 73 – 4 tal-proċess
[11] Claim 889/94 (Dok "CG1", f'paġ. 56 tal-proċess)
[12] Dokti "Ċ" u "Ċ1", f'paġġ. 10 u 43 tal-proċess
[13] Dok "D", f'paġ. 11 tal-proċess
[14] Li jġibu € 7,920 fi flus tal-lum
[15] Li jġibu € 23,293 fi flus tal-lum
[16] Dok "Ħ", f'paġ. 15 tal-proċess
[17] Li jġibu € 14,552 fi flus tal-lum
[18] Xhieda ta' Charles Saliba 11.10.2000, f'paġ. 51 tal-proċess

fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[19]. Naturalment, meta wieħed jiltaqa' ma' ċirkostanza fejn it-toroq ikollhom siwi mhux l-istess, tiżdied fuq is-sewwieq li jkun fuq it-triq l-anqas importanti responsabbilta' akbar fil-konfront ta' sewwieq fuq triq aktar importanti. Fil-każ tal-lum, iż-żewġ sewwieqa kienu t-tnejn qegħdin fuq l-istess triq, iżda l-imħarrka kien fi ħsiebha tidħol fi triq sekondarja għaliha billi ddur lejn il-lemin tagħha, bi Glynn ġej minn faċċata tagħha;

Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll li l-ħabta seħħet wara nżul ix-xemx, f'parti tat-triq li ma kinitx imdawla b'mixgħela artifiċjali (fil-fatt ma kien hemm l-ebda arbli tad-dawl), l-art ma kinitx imxarrba b'xi xita, u l-post fejn seħħet il-ħabta kien jifforma qisu salib it-toroq billi, fiż-żewġ naħat kien hemm toroq sekondarji, waħda li tagħti għall-għolja tal-Biżbiżija (fuq ix-xellug ta' fejn kienet issuq l-imħarrka) u l-oħra lejn il-qasam tal-bini taż-Żokkrija (lejn il-lemin, fejn riedet tidħol l-imħarrka)[20]. Minbarra dan, it-triq ewlenija kienet x'aktarx witgħa u, fil-parti fejn seħħet il-ħabta, sewwieq kellu medda x'aktarx twila ta' viżwali tat-triq li jkollu quddiemu, minkejja li t-triq isserrep xi ftit b'liwja[21];

Illi l-manuvra fil-qofol tagħha li l-imħarrka kellha fi ħsiebha tagħmel kienet waħda fejn se' ddur lejn il-lemin tad-direzzjoni li kienet sejra fiha, taqsam il-korsija l-oħra mnejn kien ġej it-traffiku minn faċċata tagħha u tidħol fi triq sekondarja fuq il-lemin tagħha. Min-naħa tiegħu, l-assikurat ta' LIA Glynn, kien ġej fuq it-triq ewlenija bil-ħsieb li jibqa' fuq il-karreġġata tiegħu sejjer fid-direzzjoni opposta minn fejn kienet ġejja l-imħarrka. Dan ifisser li l-manuvra maħsuba mill-imħarrka kienet waħda li titfa' fuqha iżjed responsabbilta' minn dak li kellu kull sewwieq li kien ġej mill-faċċata u li kien fi ħsiebu jibqa' sejjer fuq l-istess triq (bħalma kien il-każ tal-assikurat Glynn);

---

[19] Ara, per eżempju, P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenżuli*** (mhix pubblikata) [Ċit. 427/97] u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix pubblikata) [Ċit. 1246/92]

[20] Minn dak inhar 'l hawn, it-triq sarilha xogħol kbir fuqha ta' titjib u twessigħ tat-triq, mixegħla xierqa u sinjali tat-traffiku aħjar

[21] Ara r-ritratti Dok "RM1", f'paġ. 89 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda **l-manuvra ta' tidwir lejn il-lemin** huwa prinċipju aċċettat li, ladarba s'issa s-sewqan f'Malta suppost iżomm fuq il-korsija tax-xellug, sewwieq li jkun sejjer idur lejn il-lemin tiegħu ikun ifisser li sejjer jaqsam il-korsija li fuqha jkun ġej it-traffiku mid-direzzjoni opposta. Dan jagħmel tali manuvra waħda li tgħabbi lil tali sewwieq b'ċertu riskju u jitfa' fuqu wkoll dmirijiet[22]. Fost dawn, hemm id-dmir li jqis li ma jibdiex tali manuvra qabel ma jkun aċċerta ruħu li matul il-proċess kollu ma jkun ta' l-ebda xkiel għat-traffiku li ġej minn faċċata.[23] Sewwieq li jkollu f'moħħu li jdur lejn il-lemin, irid jagħmel sinjal xieraq u minn qabel li fi ħsiebu jdur lejn il-menin b'mod li t-traffiku li jkun isegwih u dak li ġej minn faċċata jintebaħ bil-manuvra maħsuba, jieħu postu lejn in-nofs tat-triq, jistenna l-waqt xieraq biex jaqsam il-karreġġata tat-traffiku li ġej minn faċċata[24]. Fuq kollox, irid joqgħod b'seba' għajnejn li ma jagħmel l-ebda kalkoli ażżardati li bihom jista' joħloq xkiel għat-traffiku li jkun ġej mill-faċċata[25];

Illi għal dak li jirrigwarda **l-manuvra ta' bdil tal-karreġġata** r-regola ewlenija hi li manuvra bħal din ukoll titlob attenzjoni speċjali mis-sewwieq li jkollu f'moħħu li jaqleb minn korsija għal oħra, l-iżjed jekk dan il-qlib ikun minn korsija li hija fuq in-naħa ta' ġewwa għal oħra aktar lejn in-nofs tat-triq. Din l-attenzjoni meħtieġa tissarraf filli s-sewwieq irid iqis sewwa dak kollu li jkun iseħħ madwaru u li ma jagħmel xejn li bih jaħsad lis-sewwieqa li jkunu qegħdin isuqu qribu jew warajh[26];

Illi wara li ssemmew dawn il-prinċipji, l-Qorti ssib xieraq ukoll li tinnota li, mill-provi mressqa, jirriżulta li (i) dak il-ħin tal-ħabta kien hemm traffiku mexxej fiż-żewġ direzzjonijiet, li (ii) l-imħarrka kienet uriet li kien fi ħsiebha ddur lejn il-lemin tagħha u saħansitra xegħlet l-*indicator* biex turi li riedet tidħol fit-triq sekondarja, li (iii) kienet waqfet imġennba quddiem dik it-triq sekondarja imma fuq it-triq ewlenija b'mod li (iv) karozzi setgħu (u hekk sar fil-fatt)

---

[22] P.A. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sandra Bartolo vs Joseph Farruġia***
[23] App. Ċiv. Inf. **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Vassallo vs Andrew Portelli***
[24] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hugh P. Żammit noe vs Anġelo Abela***

[25] P.A. GCD **7.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Agency Ltd noe et vs Salvu Schembri***
[26] App. Inf. **9.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Matthew Brincat vs Pio LeBrun***

jgħaddu kemm minn naħa tax-xellug tagħha (dawk li kienu jinsaqu fl-istess direzzjoni tagħha) u kemm mil-lemin tagħha (dawk li kienu ġejjin minn faċċata tagħha), li (v) l-imħarrka kellha d-dwal tal-karozza mixgħulin, li (vi) f'dik il-parti tat-triq, il-marki tal-linji tat-traffiku kienu maqtugħa (jiġifieri li wieħed seta' jaqbiżhom)[27], li (vii) l-partijiet jidher li kienu midħla ta' dak it-tratt tat-triq billi kienu jużawha ta' spiss, kemm fir-rigward tal-imħarrka li kienet tagħmel l-istess manuvra aktar minn darba waħda kull ġimgħa u kif ukoll fir-rigward ta' Glynn li kien jgħaddi minn hemm kuljum għax-xogħol u lura lejn id-dar, li (viii) kienet il-karozza misjuqa mill-assikurat ta' LIA li daħlet ġol-karozza li fiha dak il-ħin kienet riekba l-imħarrka, u li (ix) wara d-daqqa, ż-żewġ karozzi spiċċaw iħarsu fl-istess direzzjoni: dik misjuqa mill-imħarrka spiċċat imkaxkra lura mnejn kienet ġejja wieqfa fuq il-karreġġata mnejn kien ġej it-traffiku tal-faċċata (u wkoll mnejn kien ġej Glynn), filwaqt li l-karozza misjuqa minn Glynn spiċċat tħares ukoll lejn dik id-direzzjoni, imma fuq il-karreġġata mnejn kien ġej it-traffiku tad-direzzjoni l-oħra (jiġifieri spiċċa fuq in-naħa opposta ta' mnejn kien ġej qabel ħabat mal-imħarrka)[28];

Illi l-Qorti trid tinnota wkoll **il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet**. Dan l-eżerċizzju jidher meħtieġ aktar minħabba l-fatt li dwar id-dinamika tal-ħabta ma tressqu l-ebda xhieda barranin għall-partijiet u għalhekk huwa meħtieġ li jitqiesu l-verżjonijiet tal-partijiet infushom biex jitqabblu maċ-ċirkostanzi li għadhom kif issemmew;

Illi <u>fil-każ tal-imħarrka</u>, l-Qorti għandha verżjoni waħda, jiġifieri dik mogħtija minnha waqt is-smigħ tal-provi quddiem il-Qorti (għalkemm l-għada tal-ħabta kellmuha l-pulizija fl-isptar, u qalet biss li kienet waqfet biex tidħol fit-triq sekondarja bl-*indicator light* mixgħul u li rat xi dwal ġejjin mill-faċċata). Għalkemm dik ix-xhieda nstemgħet mill-Qorti diversament presjeduta, joħroġ li l-verżjoni tal-imħarrka kemm fl-eżami[29] u kif ukoll fil-kontro-eżami[30] kienet waħda konsistenti. Hija tisħaq li kienet waqfet quddiem it-triq li riedet tidħol fiha, kienet waqfet lejn in-

[27] Dok "CG2", f'paġ. 57 tal-proċess
[28] Ara skizz f'paġ. 58 tal-proċess
[29] 3.10.2001 f'paġġ. 93 – 9 tal-proċess
[30] 10.10.2001, f'paġġ. 111 – 3 tal-proċess

nofs tat-triq (*crown of the road*), u kienet bid-dwal mixgħula magħdud id-dawl tal-*indicator*. Hija baqgħet mistgħaġba kif seħħet il-ħabta għaliex "jien sew kont, lanqas biss kont qed insuq";

Illi fil-każ tal-assikurat Glynn, is-sewwieq l-ieħor, l-atti proċesswali jipprovdu aktar minn verżjoni waħda tiegħu ta' kif seħħet il-ħabta. L-ewwel verżjoni tiegħu ngħatat lill-Pulizija li fasslu r-rapport tal-ħabta. Fl-okkorrenza Glynn stqarr li qabel il-ħabta "huwa kien ġej min-naħa ta' Tarġa Gap lejn ir-Rabat u ftit il-fuq mill-inċident qala' karozza u meta daħal f'postu jaf li brakja u ma jiftakarx aktar"[31]. It-tieni okkażjoni li huwa kellu fejn ta l-verżjoni tiegħu kienet dak inhar li ressaq il-*claim*, jiġifieri qisu jumejn wara l-ħabta. F'dak il-każ (verżjoni miktuba minn Joseph Cassar[32], dak iż-żmien impjegat ma' LIA, u firmata mill-istess Glynn) huwa qal li "...*at some distance I saw third party* (i.e. l-imħarrka) *coming from the opposite direction near the crown of the road slowing down. Seeing such, I continued my way. All of a sudden, third party crossed my part and I collided into her from left side. With the impact my car came facing Burmarrad. In my opinion, she effected a speedy and abrupt turning into a side street*...". It-tielet okkażjoni li kellu biex jgħid tiegħu dwar il-ħabta kien meta għamel dikjarazzjoni maħlufa quddiem *solicitor* f'Mejju tal-2002[33]. Fost l-oħrajn, huwa qal li kien għaddej ammont sostanzjali ta' traffiku f'kull direzzjoni f'dik il-parti tat-triq, li kien ra lill-karozza li ħabat magħha sa minn qabel il-ħabta, b'mod li raha ddur ftit lejn il-lemin tagħha kemm kemm taqbeż in-nofs tat-triq. Raha wkoll tieqaf, iżda jgħid li x'ħin kien madwar tul ta' żewġ karozzi 'l bogħod minnha, l-karozza ta' l-imħarrka bdiet titħarrek u qasmitlu triqtu, ġiet quddiemu eżatt u, minkejja li ipprova jżomm il-*brake* u jikser biex jevitaha, baqa' dieħel fiha minn quddiem fuq in-naħa ta' quddiem tax-xellug tagħha. Ma kienx f'qagħda li jgħid jekk kellux id-dwal tal-karozza tiegħu mixgħulin;

[31] Ara paġ. 61 tal-proċess
[32] Xhieda tiegħu 16.5.2001, f'paġġ. 84 – 7 tal-proċess
[33] Paġġ. 139 sa 142 tal-proċess

Illi fil-fehma tal-Qorti l-punt kruċjali biex jitqies min kien jaħti għall-ħabta hu jekk, fil-ħin tal-istess ħabta jew minnufih qabel, l-karozza misjuqa mill-imħarrka kinitx tiċċaqlaq jew kenitx wieqfa. Iż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet jikkontrastaw bis-sħiħ f'dan ir-rigward. Fi kliem ieħor, din hija kwestjoni ta' min, miż-żewġ sewwieqa involuti, għandu jitwemmen. Jekk kemm-il darba l-imħarrka ma kinitx wieqfa meta Glynn baqa' dieħel fil-karozza misjuqa minnha, allura l-ħtija tal-ħabta kienet tkun kollha tagħha; jekk, min-naħa l-oħra, l-imħarrka kienet wieqfa, l-assikurat Glynn ma jistax ikun bla ħtija;

Illi l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li għandha temmen lill-imħarrka. Dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' bosta mir-riżultanzi li ssemmew aktar qabel. Ma' dawn, il-Qorti żżid tosserva li, mir-ritratti murija, l-ħsarat li kellha l-karozza misjuqa mill-imħarrka kienu tassew fuq il-faċċata tal-karozza u mal-bieba ta' quddiem tan-naħa tal-passiġġier. Ma tidher l-ebda ħsara mill-bieb ta' quddiem lura. Dik il-ħsara hija kompatibbli mal-verżjoni magħmula mill-pulizija fuq l-iskizz. Li kieku l-karozza tal-imħarrka kienet tassew qiegħda taqsam il-korsija tal-assikurat Glynn biex tidħol fit-triq sekondarja, wieħed kien jistenna li jara ħsara tul il-ġenb xellugi kollu tal-karozza tagħha. Hemm ukoll fattur ieħor li joħroġ mill-atti. Meta wieħed iqabbel ix-xbiha fuq l-iskizz magħmul mill-Pulizija u mressaq mix-xhud PS1043 Paċe[34], max-xbiha tal-istess skizz imressqa minn LIA mal-Att taċ-Ċitazzjoni[35], wieħed jintebah li hemm xi differenzi mhux traskurabbli fejn suppost hemm il-ħsara tal-karozza misjuqa minn Glynn. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-iskizz imressaq minn PS1043 Paċe huwa dak awteniku, u li d-dokument imressaq minn LIA huwa meħud minnu. Fl-iskizz imressaq f'paġna 9 tal-proċess, il-ħsara fuq il-vettura misjuqa minn Glynn tintwera mat-tul kollu tal-ġenb xellugi, u "tħassret" biċċa mill-ħsara fuq in-naħa leminija ta' quddiem tagħha. Fit-tielet lok, mill-verżjonijiet infushom tal-assikurat Glynn, hemm il-fattur tal-manuvra tas-sorpass li huwa nnifsu jistqarr li kien għamel ftit waqtiet qabel seħħet il-ħabta. Dik il-manuvra (meta huwa nnifsu stqarr li t-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet kien

[34] Dok "FP1", f'paġ. 58 tal-proċess
[35] Dok "B", f'paġ. 9 tal-proċess

konsistenti) kienet waħda mhux għaqlija fiċ-ċirkostanzi u ġabitu wiċċ imb'wiċċ mal-karozza misjuqa mill-imħarrka li, minn kull indikazzjoni li toħroġ mill-atti, kienet wieqfa b'mod korrett tistenna l-waqt xieraq biex tidħol fit-triq sekondarja. Fuq kollox ġabitu f'parti tal-karreġġata tiegħu li, fit-tentativ tiegħu li jevita l-karozza misjuqa mill-imħarrka, wasslitu biex iġarrab il-ħsarat murija fl-iskizz tal-pulizija u konfermati mir-rapport tas-*surveyor* imqabbad minn LIA innifisha[36]. Fir-raba' lok, hemm il-fattur tal-i*spot of impact*, li l-Pulizija xehed (u immarkah) li kien sewwasew fuq il-parti tan-nofs tat-triq. Li kieku l-imħarrka tassew kienet miexja meta seħħet il-ħabta, wieħed kien jistenna li l-punt fejn iż-żewġ karozzi ltaqgħu ma' xulxin kien ikun fil-karreġġata li fuqha kien qiegħed isuq Glynn;

Illi dan iġib li l-kawża prossima tal-ħabta kien is-sewqan tal-asikurat ta' LIA u mhux dak tal-imħarrka;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda ssib li l-ħtija tal-ħabta kienet biss tas-sewwieq Glynn, u filwaqt li sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrka, sejra tiċħad l-ewwel talba attriċi;

Illi, għar-rigward tal-**likwidazzjoni tad-danni**, jingħad li huwa minnu li sa mill-bidunett tal-kawża, LIA ressqet il-pretensjonijiet tagħha f'għamla ta' prospett dettaljat u saħansitra fit-tieni talba tagħha semmiet b'mod ċar l-ammont li hija tippretendi li l-imħarrka tħallasha. Ma tqanqlu l-ebda dubji, u wisq anqas kontestazzjonijiet, dwar l-ammont likwidat. Jidher li s-somma msemmija minn LIA fil-prospett[37] hija l-ammont li LIA tassew ħarġet taħt il-polza biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat li l-assikurat tagħha ġarrab fil-ħabta mertu tal-każ. F'uħud mill-każijiet tressqu wkoll riċevuti biex isaħħu dak il-prospett. Fuq kollox, l-istess prospett jagħmel minn rajh it-tnaqqis (bħal *excess* u d-dħul mill-bejgħ tal-fdalijiet tal-karozza tal-assikurat) meħtieġ li dwaru LIA ma tippretendix ukoll kumpensa mingħand l-imħarrka;

Illi għalhekk, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li dak il-prospett jagħti stampa xierqa tad-dannu kumpensat lill-

[36] Ara d-Dok "Ċ", f'paġġ. 10 – 1 tal-proċess
[37] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess

assikurat tal-kumpannija attriċi. Iżda, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-ħtija jew kawża prossima tal-ħabta kienet taqa' fuq l-assikurat ta' LIA, allura t-tieni u t-tielet talbiet attriċi ma tistax titgħabba bihom l-imħarrka;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** u ssib li kien l-assikurat James Anthony Glynn li waħdu kien jaħti għall-ħabta li seħħet nhar is-26 ta' Ottubru, 1994, fi Triq il-Biżbiżija, limiti tal-Mosta, għall-ħabta tas-7.00 ta' filgħaxija, bejn il-karozza I-0564 misjuqa mill-imsemmi Glynn u l-karozza J-3844 misjuqa mill-imħarrka;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi**, billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------